**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 73/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Rene Inguanez**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra l-appellant **Rene Inguanez**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 249879(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. fl-10 ta' Novembru, 2020 għall-ħabta ta' 08.30hrs waqt li kien qiegħed ġewwa Ħal Far limiti ta' Birżebbuġa, ħa jew ipprova

[1] *A fol.* 11.

jieħu xi għasafar, matul l-istaġun magħluq għall-insib ta' l-għasafar u dan bi ksur tar-Reg. 18(1)(ċ), L.S. 549.42;

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kien qed jikkaċċja jew jipprova jikkaċċja, jieħu jew jipprova jieħu b'kull mezz li jkun, xi għasfur kif permess skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti, meta ma kienx fil-pussess ta' liċenzja valida skont ma tapplika, maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, u ma ssodisfax il-kondizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenzja u f'kull liġi oħra, dan bi ksur ta' L.S. 549.42, Reg. 12(1);

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaċċja jew ipprova jikkaċċja, jieħu jew ipprova jieħu xi għasafur billi uża, kellu fil-pussess tiegħu, u għamel użu minn ranja/*mist net* jew xibka, u dan bi ksur tar-Reg. 7(1)(e), L.S. 549.42;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellu arma tan-nar li kellha l-liċenzja għall-kaċċa tat-tjur, li kellha komportament ta' skrataċ li tista' żżomm aktar minn żewġ skrataċ fl-istess ħin, u dan bi ksur ta' Reg. 18(2)(b) tal-L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba illi barra li tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Frar 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Regolament 7(1)(e) u 18(2)(b) tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006, filwaqt li lliberat lill-imputat mill-ewwel (1) u mit-tieni (2) imputazzjoni, sabitu ħati tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' elf u tmien mitt Euro (€1,800). *In oltre* fit-termini ta' Regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006, il-Qorti ordnat ukoll is-sospensjoni

ta' kull liċenzja jew permess maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 Dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant ippreżentat fit-28 ta' Frar 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tvarja s-sentenza appellata billi, tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant mhux ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet u sabitu ħati tat-tieni żewġ imputazzjonijiet, u tvarjaha in kwantu jikkonċerna l-piena inflitta u minflok tgħaddi sabiex timponi piena aktar ekwa, ġusta u miti li tirrifletti l-fatti tal-każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet bil-fomm fuq l-aggravju mressaq mill-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti in kwantu sabitu mhux ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet u sabitu ħati tat-tieni żewġ imputazzjonijiet b'dan illi talab li din il-Qorti tvarja l-piena nflitta u minflok timponi piena aktar ekwa, ġusta u miti.

Illi b'hekk il-*gravam* sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u ċioè dik tal-ħlas ta' multa ta' elf u tmien mitt Euro (€1,800) u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar

Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn.

Illi l-appellant jilmenta li meta wieħed jifli Avviż Legali 79 tal-2006 għandu jirriżultalu illi persuna li tkun instabet ħatja għall-ewwel darba għall-imputazzjonijiet hekk kif jirriżultaw fil-każ odjern huwa soġġett għall-piena pekunarja kif ukoll għall-konfiska tal-*corpus delicti* u li hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti sabiex tara jekk l-imputat kienx idoneu li jkollu l-liċenżji relatati tiegħu sospiżi.

Illi huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi l-piena relatata mal-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant instab ħati temerġi minn Regolament 27(2)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta li tistabbilixxi li f'każ ta' ħtija l-multa imposta għandha tkun dik ta' mhux inqas minn ħames mitt Euro (€500) iżda mhux iżjed minn ħamest elef Euro (€5,000) b'dan illi skont il-*proviso* tal-istess sub-Regolament imsemmi, il-Qorti <u>għandha</u> (u mhux "tista'") tordna s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess maħruġ tar-Regolamenti in kwistjoni u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal perjodu ta' mhux anqas minn sentejn iżda mhux aktar minn ħames snin. B'hekk isegwi li s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess in kwistjoni mhijiex waħda li titħalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

Illi, meħud dan t'hawn fuq in konsiderazzjoni, il-Qorti ma tantx għandha aktar xi tgħid għajr li l-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant instab ħati. Il-Qorti żżid billi tgħid li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant

kienet waħda legalment u raġonevolment valida, mhux "*manifestly excessive*" u tirrispekja l-imputazzjonijiet li tagħhom huwa nstab ħati. Il-Qorti hija tal-fehma li ma tezisti l-ebda raġuni li tista' twassalha sabiex titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha magħmula, liema piena għalhekk għandha tibqa' invarjata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell mressaq mill-appellant Rene Inguanez u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha u dan għajr għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ordnat is-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa f'isem l-appellant taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza liema parti qed tiġi revokata u dana minħabba d-dħul fis-seħħ fil-mori tal-appell tal-emendi bl-Avviż Legali 86 tal-2022 li ġiet aktar favorevoli għall-appellant u b'hekk għandu jibbenefika minn tali emenda u minflok din il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa taħt ir-Regolamenti msemmija u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn millum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**